# Kappelli ta' Santa Liena

Kan. Vinc. Buhagiar

Santa Liena, magħżula minn Alla skond il-ħsieb tiegħu biex twettaq egħmejjel ta' siewi għall-poplu nisrani, kellha tifel li missieru Kostanzu semmieh Kostantinu; dan ħa l-edukazzjoni tiegħu taħt għajnejn ommu li mexxietu bil-għaqal. Malli Kostantinu tela' fuq it-tron imperjali ta' Ruma, bl-editt li huwa ħareġ fis-sena 313 A.D. waqqaf il-persekuzzjoni kontra l-insara u dawn setgħu juru t-twemmin tagħhom fi Kristu fil-beraħ. Ir-rebħa li Kostantinu kellu fuq l-imperatur Massenzju fl-inħawi ta' Ruma jafha mill-ħeġġa li kiseb middehra tas-Salib, dehra tal-għaġeb li biddlet l-istorja, u minn pagana tatħa xeħta nisranija mibnija fis-sod fuq prinċipji li dan l-imperatur qalbieni tgħallem millisqfijiet li magħhom ta' spiss kien jitkellem u jiekol avolja lbieshom kien fqir u bla lussu. Wara r-rebħa fuq 'Ponte Milvio' huwa ta l-palazz tal-Lateran lillIsqof ta' Ruma u fih il-Papa Melkjades laqqa s-sinodu, u l-papiet ta' wara baqgħu jużawh bħala s-seda tagħhom.

L-isbaħ ġrajja fil-ħajja ta' Santa Liena kienet meta hija sabet l-għuda tal-patibolu: is-Salib li fuqu miet Sidna Ġesù Kristu biex jivdina mid-dnub u mill-ħakma ta' Satana. Il-mawra ta' l-imperatriċi Elena fl-Art Imqaddsa ġibdet ħafna insara biex iżuru din l-art li fiha twieled Ġesù ta' Nazaret, għex, ippriedka, wettaq bosta egħmejjel tal-għaġeb, u hemm bata u miet fuq is-salib fuq il-għolja tal-Kalvarju. Imkebbsa b'fidi qawwija f'età avanżata l-imperatriċi Elena marret lejn il-Palestina, u mgħejjuna minn Makarju, isqof ta' Ġerusalemm, sabet is-Salib u tgħatu qima. Mas-Salib sabet l-imsiemer, illanza, il-kuruna tax-xewk u t-tavlozza li fuqha kien hemm is-sentenza tal-mewt mgħotija minn Pilatu. "Ġesù ta' Nazaret Sultan tal-Lhud". Sabieħa hija xxbieha li turi lil Santa Liena tgħannaq is-Salib tal-fidwa.

Il-qima antika tal-Maltin lejn din il-qaddisa, omm l-Imperatur Kostantinu tmur lura saż-żmienijiet Bizantini, u dan jidher ċar mill-monografija fuq il-knisja antika tal-Kattidral tal-Imdina, kif fissirha tajjeb il-magħruf filologu Malti Antonio Caruana. Imbagħad mill-istudju bir-reqqa fuq l-istorja tal-Knisja f'Malta tal-Kav. A. Ferris jidher li din il-qima lejn Santa Liena kienet diġà teżisti qabel is-seklu sitta. Tarġa, l-iskrizzjoni griega li nstabet fis-seklu XVII fil-faċċata tal-knisja antika f'Bur Mula (illum Cospicua) turi wkoll dan li għedtna.

Insibu miktub fil-Viżta Pastorali ta' Mons. Duzina fl-1575 li dan id-Delegat Apostoliku żar il-gżira ta' Għawdex, kemm sab il-kappella bit-titolu ta' Santa Liena, mibnija mill-familja De Gefali li lilha kienu ħallew erbat itmiem raba' biex issir quddiesa solenni fil-festa tal-qaddisa, u tissewwa l-ħsara kull meta jinħass il-bżonn. Iżda Mattew Gefali, bħala werriet ta' dawn ir-raba' ma qegħdix dmiru lejn din il-kappella, u ġarrbet ħsara kbira għax kienet mifruqa min-nofs. Għalhekk il-Viżitatur ordna biex, skond id-degriet u regolamenti tal-Konċilju ta' Trento, tingħalaq u l-obligi li kellha flimkien mal-beni tagħha jgħaddu għal-knisja tal-parroċċa fejn kellu jinbena altar u titpinġa fuq kwadru x-xbieha ta' Santa Liena u hemm jitwettqu l-obligi kollha.

F'Għawdex ukoll, il-Manjifiku Salvu Refalo, iben Mattew minn Għawdex waqqaf beneficċju ta' ġuspatronat imsejjaħ 'ta' Santa Liena' fuq l-art 'ta' Ġnien ir-Ramla'. Fit-testment tiegħu tal-21 ta' Novembru 1615 ried li ssir quddiesa kull ħmistax, il-festa ta' Santa Liena u tissewwa l-knisja tagħha. Il-'ġnien ta' Santa Liena' kellu wkoll tiegħu art oħra li tmiss miegħu u mal-bini ta' l-Isptar ta' Għawdex.

Fl-1680 Mons. Gerolamo Molina, isqof ta' Malta, jgħarrafna fuq il-kappella ta' Santa Liena fl-Għargħar, li kienet ġiet mgħaluqa għal kult divin fl-1656. Din il-kappella kellha ċimiterju wiesgħa fejn il-Karkariżi tal-qedem kienu midfuna. Kif intqal, ikompli jgħid dan l-isqof din kienet il-parroċċa antika ta' Birkirkara, u hemm kienet titla' purċissjoni fit-tielet jum wara Għid il-Kbir, u jitbierku l-oqbra. Din il-kappella kellha kapital ta' tnax-il uqija biex bl-imgħaxx tagħhom isiru l-għasar, il-quddiesa u tinxtgħel il-lampa għad-dawl.

L-Isqof Fra Ġakbu Cannaves fl-1716 tkellem fuq kappella ġewwa Bormla, dedikata lil Santa Liena Reġina. Hu jgħidilna li fi żminijiet antiki fi ġnien imsejjaħ 'ta' Santa Liena kien hemm kappella tal-qaddisa. L-Isqof Fra Mikiel Gerolamo Balaguer de Camarsa għalaqha għall-pubbliku fit-23 ta' April 1659 u l-kwadru tal-qaddisa ttieħed fil-knisja tal-parroċċa ta' Bormla flimkien mal piżijiet li kellha. Dan il-ġnien ta' S. Liena fil-31 ta' Mejju 1557 ġie irregalat mill-Balliju De Lango Fra Pietru de la Fontaine kommendatur 'de la Chante Reyne' lill-Isptar ta' l-Ordni billi l-ewwel jiġi nkluż il-ġewwa mill-ħitan tiegħu l-bir, imsejjah 'Bir ta' Mula' u jitħaffer ieħor bħalu fit-triq għall-kumdita tan-nies tal-post. Fl-1618 ġie mgħoti ċens lil-Stiefnu Scarpello u wara wirtu ibnu Lorenzo bl-obbligu li jgħamel festa, u titkanta l-litanija fis-seba' festi tal-Madonna; imma dan l-obligu ma ġiex imwettaq, iżda ttieħdu passi biex kollox isir kif kien ordnat.

Darba oħra l-istess Isqof fis-sena, li semmejna fuq, daħal fil-knsija Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta u hemm fl-ewwel kappella fix-xellug tal-korsija ra l-altar ta' Santa Liena Reġina. Din il-kappella kellha altar tal-ġebel b'mensa addattata għas-sagrifiċċju tal-quddiesa. Kien imżejjen tajjeb bi kwadru li juri x-xbieha ta' Santa Liena għarkoptejha tgħannaq magħha s-Salib ta' Kristu, magħha kien hemm ukoll S. Ġwann il-Battista, S. Pubblju martri, u S. Karlu. Quddiemu kellu mdendel lampier tal-fidda billampa li kienet tixtegħel nhar ta' Sibt, il-Ħadd u fil-festi ta' preċett.

Fl-1615 Mons. Fra Bathaser Cagliares wasal fil-knisja l-qadima ta' Birkirkara, dedikata lill-Assunta u ma ġemb l-altar tal-Madonna tar-Rużarju ra altar ieħor dedikat lil Santa Marija Assunta li fuqu kien hemm kwadru kbir antik u li fih barra mill-Assunta kellu wkoll ix-xbihat ta' S. Pawl, Santa Liena, il-Lunzjata u l-Kurċifiss. Bertu Ġilestri kien obligat jixgħel il-lampa fil-ġranet tal-festi u nhar ta' Sibt.

Anki l-isqof Fra Lorenzo Astira fl-1673 isemmi dan l-altar u jgħid li kien tal-familja Ġilestri u fuqu kienet ukoll issir il-festa ta' P. Assunzjoni tal-Madonna bl-għasar u l-quddiesa, imma hu nnota li kien jonqsu xi affarijiet bħal karti tal-glorja, salib u ħwejjeġ oħra.

Dak in-nhar l-Isqof żar fl-istess knisja l-altar ta' Santa Liena, miżmum tajjeb u adattat għall-quddiesa. Dan ukoll kellu lampa mdendla quddiemu tixgħel fil-ġranet tas-soltu. Fuq dan l-altar il-Kanoniċi tal-Kolleġġjata ta' Sant' Elena kienu jqaddsu quddiesa letta kuljum, u oħra kunventwali kantata fuq l-altar maġġur skond il-fondazzjoni tal-kolleġġjata. Il-prokuraturi ta' dan l-altar ġew imġgħela mill-Isqof biex jibnu prospettiva sabieħa bħal dik ta' l-altar tar-Rużarju. Din inbniet b'mod l-iktar eleganti. Illum il-ġurnata, wara li din il-knisja ġġarfet, parti mill-prospettiva tal-ġebel baqgħet fl-istess knsija mwaqqa', iżda erba' kolonni ttieħdu biex saret il-prospettiva fil-knisja tal-Konversjoni ta' San Pawl, tal-Wied ta' Birkirkara.

Aktar tard l-Isqof Cannaves fl-1716 daħal fil-kor tal-Knisja l-Qadima ta' Birkirkara u hemm ra l-altar ġo prospetiva b'żewġ kwadri: ta' fuq jippreżenta l-Assunzjoni tal-Madonna jew it-Tlugħ ta' Marija SSma fis-sema, u ta' taħt lil Santa Liena wieqfa ħdejn riġlejn il-Madonna. Il-festi kemm ta' l-Assunta kif ukoll ta' Santa Liena kienu jsiru fuq l-altar maġġur. Dan il-kwadru ta' Santa Liena qabel kien jinsab fuq l-altar tal-Kurċifiss, għax dan l-altar kien dedikat lil Santa Liena, imbagħad lill-Kurċifiss. Fuq l-altar tal-Kurċifiss kienu jsiru żewġ festi: is-Sejba tas-Salib ta' Kristu fit-3 ta' Mejju, u l-Esaltazzjoni tas-Salib fl-14 ta' Settembru b'mod solenni kif kien ordna l-Isqof Fra David Cocco Palmieri fil-viżti pastorali ta' qabel.